ART 1003A TAL-KAP 12

DISPREZZ- MANDAT TA' QBID

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' April 2016**

**Kawza Numru : 27**
**Rikors Guramentat Numru : 275/2015/LSO**

**Dylan Azzopardi**

**vs**

**Peter Zammit (ID. 374870(M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Dylan Azzopardi (ID 184293(M)) datat 20 ta’ Marzu 2015 fejn espona: -

Illi l-esponent huwa kreditur ta' l-intimat fis-somma ta' €60,000 import ta' kambjala mahruga izda mhux onorata.

Illi l-esponent kien ipproceda b'ittra ufficjali *a tenur* ta' l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 sabiex irendi l-istess kambjala ezekuttiva.

Illi peress illi din il-procedura giet ikkontestata mill-intimat l-esponent ipproceda wkoll *b'actio cambiaria*[1] u l-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi biex jikkawtela l-pretenzjonijiet tieghu.

Illi l-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi kien gie ezegwit u inqabdu l-mobbli kollha li hemm fid-dar li kienet id-dar matrimonjali ta' l-intimat.

Illi dan l-ahhar l-esponent ipproceda sabiex jeleva l-oggetti maqbuda permezz tal-Marixxall inkarigat bl-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat.

Illi pero`, fuq il-post irrizulta, illi l-intimat nehha l-mobbli kollha li kienu fil-fond in kwistjoni u li kienu maqbuda permezz tal-mandat odjern u heles minnhom.

Illi dan jirrizulta mill-verbal tal-Marixxall. Kopja ta' l-atti tal-mandat qed jigu esebiti bhala Dok A.

Illi dan huwa ksur lampanti tal-ordni tal-Qorti.

Illi apparti minn hekk il-pregudizzju li qed isofri l-esponent minhabba dan l-agir huwa wiehed kbir. Fil-fatt, minhabba fl-agir ta' l-intimat, illum m'hemm assolutament l-ebda ass fuq liema l-esponent jista' jikkawtela l-pretenzjonijiet tieghu.

Illi dan mhux l-uniku att li l-esponent ghamel biex jiddefroda il-krendituri tieghu. In effetti tlett ijiem biss wara li giet iffirmata l-kambjala *de quo* l-intimat ffirma kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fejn assenja d-dar matrimonjali lil martu u assuma d-djun kollha hu. B'konsegwenza ta' dan l-esponent ukoll kellu jintavola wkoll proceduri ta' *actio pan liana*[2]*.*

Illi fil-frattemp din il-Qorti diga` tat digriet fejn iddikjarat il-kambjala in kwistjoni bhala titolu ezekuttiv liema digriet gie appellat mill-intimat. F'kaz ta' ezitu pozittiv mill-Qorti ta' l-Appell l-esponent ser jibqa' totalment skopert.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna lir-Registratur tal-Qorti, *a tenur* ta' l-artikolu 1003 A tal-Kap. 12, jinizzja proceduri ghad-disprezz kontra l-intimat Peter Zammit u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ April 2015 fl-10:30 a.m.

Rat ir-risposta ta’ Peter Zammit datata 21 ta’ Ottubru 2015 (fol 57) fejn espona :

IIIi kemm it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid mertu ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-kawza kambjarja li ghaliha sar riferiment fir-rikors promotur minn Dylan Azzopardi u cioe' citazzjoni numru 1028/13/LSO kienu dejjem mahruga kontra l-esponenti Peter Zammit wahdu ghalkemm ir-rikorrenti Azzopardi kien jaf illi l-esponenti kien mizzewweg ghal izjed minn 20 sena.

Illi r-rikorrenti u martu Charlotte kienu ghamlu kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ta' bejniethom liema kuntratt kien gie ppubblikat min-Nutar Marilena Christina u dana fit-3 ta' Settembru 2013 kopja ta' liema kuntratt qed jigi hawn ezebit u mmarkat **Dokument 'A'.**

Illi kif jidher *ictu oculi* minn dan il-kuntratt il-mobbli kollha li kienu jezistu fid-dar konjugali ta' meta sar il-mandat u minn dakinhar il' quddiem saru proprjeta' assoluta ta' mart l-esponenti Charlotte Zammit.

Illi ghalhekk fid-data ta' meta l-Marixxall kien mar biex jezegwixxi l-imsemmi mandat kif ukoll fid-data ta' meta gie ntavolat l-istess il-proprjeta' assolulta tal-mobbli li gew maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid qatt ma kienu jappartjenu lill-esponenti la nofshom ahseb u ara kollha.

IIIi d-dar konjugali li fi zmien li sar u anke gie ezegwit il-mandat ta' qbid *de quo*, kienet inbieghet minn martu lil terzi persuni u dana skont kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr. George Said Debono fil-25 ta' Frar 2015 - **Dokument B.**

IIIi minn dawn il-fatti kif esposti ghandu jirrizulta inekwivokament illi l-oggetti maqbuda u li issa qed jilmenta dwarhom Dylan Azzopardi fejn qed ukoll jakkuza lill-esponenti illi dak li sar "...huwa ksur lampanti tal-ordni tal-Qorti", huwa ilment fierah u vessatorju anke minhabba l-fatt li l-esponenti mhux biss kien jaf li kien gie ppubblikat kuntratt ta' separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi Zammit izda sahansitra kien intavola kawza fejn talab illi dan il-kuntratt jigi reciss, citazzjoni numru 260/14/AE fl-ismijiet "Dylan Azzopardi vs Peter Zammit" li qed tinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta u kien anke ntavola mandat ta' inibizzjoni biex id-dar konjugali tal-Mosta ma tigix mibjugha, mandat li gie michud ghal precizament l-istess ragunijiet li ssemmew izjed 'il fuq f'din ir-risposta u ghal riferiment izjed facli ghal din l-Onorabbli Qorti kopja tar-rikors ghat-talba tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif ukoll ir-risposta mressqa u d-digriet finali fejn il-Qorti cahdet it-talba ta' Azzopardi qed jigu annessi u mmarkati komplessivament **Dokument C.**

IIIi *in vista* ta' din it-talba ta' Azzopardi fir-rikors promotur ma tista' qatt tigi akkolta kemm minhabba illli ma tisthoqqx li hekk tigi ghar-ragunijiet imsemmija, pero' wkoll billi din il-Qorti ma tistax, qed jigi sottomess tiddeciedi Hi f'dan l-istadju u f'dawn il-proceduri l-ezitu eventwali tal-*actio* kambjarja u l-*actio pauliana* li ghadhom it-tnejn *sub iudice*; dana wkoll abbazi tal-principju illi kuntratt pubbliku jghodd u jibqa' jghodd sakemm jigi reciss mill-Qorti kontenzjuza, recissjoni din li ma saritx u qajla ser issir ghar-ragunijiet li

gew sottomessi quddiem il-Qorti li qed tisma' l-*actio pauliana.*

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad it-talba ta' Dylan Azzopardi bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tat-12 ta’ April 2016 a fol 96 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Xehedu bil-gurament taghhom in kontro ezami r-rikorrenti Dylan Azzopardi u l-intimat Peter Zammit, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet Dr David Camilleri u Dr Jacques Farrugia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ April 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta’ Mandat ta’ Qbid, (Numru 1547/13) mahrug fl-istess ismijiet premessi fid-9 ta’ Ottubru 2013, din il-Qorti ordnat li jinqabdu l-mobbli kollha fid-dar li kienet id-dar matrimonjali tal-intimat, u cjoe` f’45, Old Mill House, Old Milli Street, Mosta.

Jirrizulta li permezz ta’ dan il-Mandat, l-Marixxal tal-Qorti kien acceda fuq il-post u hejja lista tal-mobbli kollha maqbuda f’dik id-dar (fol 9 sa 11). In segwitu, meta r-

rikorrent ipproceda sabiex jeleva l-oggetti kollha maqbuda u kien ser isir l-ezekuzzjoni tal-mandat, irrizulta li mobbli kollha kienu tnehhew, hekk kif jidher mill-verbal tal-Marixxal esebit a fol 20 tal-process. Dan id-dokument a fol 20 gie kkonfermat bil-gurament mill-Marixxal John Micallef, li spjega li meta mar biex jesegwixxi l-mandat, kien hemm persuna ohra fid-dar, u l-mobbli ma kienux ghadhom hemm. Il-Marixxal tal-Qorti xehed li l-ewwel darba li kien mar u ghamel lista tal-oggetti maqbuda kien halla r-riferta f'idejn Charlotte Zammit, il-mara tal-intimat.

Illi mill-provi mressqa, johrog li l-hwejjeg li nqabdu kienu l-mobbli kollha u kull ma kien hemm fid-dar. Meta nqabdu, l-intimat kien diga ghamel seperazzjoni tal-beni, li a bazi tieghu, l-proprjeta` msemmija fil-Mosta, ossia d-dar matrimonjali bil-mobbli ta' go fiha ghaddiet fuq martu Charlotte Zammit, hekk kif jirrizulta minn **Dok A** (fol 60-63). Madankollu, l-mobbli maqbuda kienu jaghmlu parti mid-dar matrimonjali li kien joqghod fiha l-intimat flimkien ma' martu. Illi fil-fatt, jirrizulta, li ghalkemm permezz ta' **Dok A** kienet saret is-seperazzjoni tal-beni bejn il-konjugi, ma saret l-ebda separazzjoni personali bejn il-konjugi, u dawn fil-fatt ghadhom mizzewgin sal-lum.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-intimat, in kontro-ezami, li hu kien a konoxxenza tal-fatt li kien gie l-Marixxal u qabad l-oggetti fid-dar, ghaliex ghalkemm ma kienx ikun dejjem id-dar, minhabba li kien qed isegwi programm, izda xehed li l-mara kienet infurmatu. L-intimat ikkonferma wkoll, li kien hu li ghen lill-mara meta bieghet id-dar li kienet id-dar

matrimonjali taghhom fil-Mosta, biex iggorr il-mobbli u l-oggetti kollha li kien hemm fiha. Hu kkonferma wkoll li l-oggetti tal-valur inbieghu, u fadal biss xi affarijiet go garaxx li nkera mill-mara tieghu biex tpoggi l-affarijiet fih.

Illi gie sostnut mill-intimat li l-mandat ta' qbid mertu ta' dawn il-proceduri, kien kontra l-intimat Peter Zammit u ma kienux diretti fil-konfront ta' martu. Fit-tieni lok, gie sostnut, li ladarba l-intimat u martu kienu ghamlu kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ta' bejniethom, (Dok A datat 3 ta' Settembru 2013). Permezz ta' dan il-kuntratt, il-mobbli kollha li kien hemm fil-proprjeta` tad-dar matrimonjali fil-Mosta saru proprjeta` assoluta ta' martu Charlotte. Ghaldaqstant, gie sostnut, li fid-data tal-mandat dawn il-mobbli ma kienux jappartjenu lilu.

F'dan il-kuntest, il-konsiderazzjoni legali li jirrigwardaw din il-kwistjoni juru li nqabdu mobbli tal-intimat, izda hekk kif allegat mill-intimat stess, dawn ma kinux ghadhom jappartjenu lilu fil-mument tal-mandat, izda kienu saru proprjeta` assoluta tal-mara tieghu Charlotte, qabel l-ezekuzzjoni tal-imsemmi Mandat.

Gie ritenut li :-

*"…min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti…..L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu illi l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet*

*ta' dawk l-ordnijiet."* (Vol. XXIX p.II p.1023; u **"Edward Camilleri nomine vs Carmelo Vella",** Appell, 7 ta' Ottubru 1997).

Dwar l-allegazzjoni tal-intimat li l-mobbli ma kienux aktar proprjeta` tieghu, izda saru proprjeta` assoluta ta' martu, sa minn qabel l-ezekuzzjoni tal-Mandat, ghandu jinghad li dan ma jbiddel xejn mill-validita` ta' dak il-mandat. (Ara "**Josephine Spiteri vs Anthony Perry et"**, P.A. (AJM) deciza fl-14 ta' Novembru 1994, u "**Av. Dott. Philip Manduca noe**. **Vs Pius sive Pio Camilleri et",** P.A. (JRM) deciza fid-29 ta' Mejju 2008. Ghalhekk, kien jinkombi fuq martu li jekk deherilha li l-mobbli kienu taghha, kellha taghmel il-procedura mehtiega biex jitnehhew l-effetti tal-esekuzzjoni tal-Mandat. ("**Alf Mizzi & Sons Ltd. vs Joseph Pace",** P.A. (TM) deciza fit-23 ta' Gunju 2005.

Illi jirrizulta b'mod car li l-intimat kien jaf bil-mandat. Illi malli jigi esegwit Mandat, il-mobbli maqbuda ma jibqghux disponibbli la ghall-intimat u lanqas ghal kull min seta' kellu interess, *stante* li l-mobbli jitqiesu li tqeghdu taht l-awtorita` tal-Qorti.

B'referenza ghall-accenn li sar mill-avukat difensur tal-intimat fit-trattazzjoni, ikkonsidrat li, din il-qorti mhijiex ser tissindika jekk l-intimat agixxiex *in bona fede* jew le, *stante* li dan l-ezercizzju qed isir biss fuq bazi 'prima facie'.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li mid-dokumenti u provi prodotti, jirrizulta li l-intimat ghen lil martu biex nehha l-ghamara

minn god-dar fejn kienu nqabdu l-mobbli, minkejja li dawn kienu nqabdu permezz tal-Mandat ta' Qbid mertu tal-vertenza odjerna. Dan sar bi ksur tal-istess ordni moghtija permezz tal-mandat. Il-Qorti tqis li hemm lok li jinbdew proceduri kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti fit-termini tal-artikolu 1003A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors, u a tenur **tal-artikolu 1003A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiehu l-procedimenti mehtiega kontra l-intimat ghad-disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' April 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' April 2016**